MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2011

Numru 52/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Emmanuel Pace**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 52 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Emmanuel Pace li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-22 ta' Mejju, 2008 fil-Marsa ghall-habta tat-3.25 a.m. Ismael Obasa Hussein kien fi Triq Balbi meta kellu argument ma Emmanuel Pace. Illi f'mument minnhom Pace mar jigri wara Hussein b'sikkina f'idu u filwaqt li l-istess Hussein ipprova jahrab hdejn l-ghassa tal-Pulizija tal-lokalita`, Emmanuel Pace ta diversi daqqiet f'parti vitali ta' gisem Ismael Obasa Hussein bil-hsieb li joqtlu jew iqieghed il-hajja tieghu f'periklu car. Illi stante l-kura medika Hussein ma mietx.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Emmanuel Pace sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendendti mill-volonta` tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Emmanuel Pace hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba` snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(A), 211(1)(2), 31(1)(A)(B)(I)(II) U 533 TAL-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista` skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe` l-Marsa fit-22 ta' Mejju, 2008 Emmanuel Pace kellu fil-pussess tieghu strument b'xafra u bil-ponta minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija barra xi fond. B'din l-arma hu pprova joqtol lil Ismael Obasa Hussein fi Triq Balbi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Emmanuel Pace sar hati talli kien qed igorr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta li jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Emmanuel Pace hati talli kien qed igorr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta li jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-

Kummissarju tal-Pulizija, talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkzuat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ multa ta’ mija u sittax-il Euro u seba` u erbghin centezmi skond dak li hemm fl-artikoli 6 u 51 tal-Kap. 480 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista` skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’seba` (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Emmanuel Pace **mhux hati** tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, izda hati li kkaguna offiza ta' natura gravi li dahlet f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem ta’ Ismael Obasa Hussein minghajr ma kkawzat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh, u b’seba` (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Emmanuel Pace hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Emmanuel Pace **mhux hati** tal-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza izda **hati** talli :

1. Fit-22 ta’ Mejju, 2008 fil-Marsa, kkaguna offiza ta' natura gravi li dahlet f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem ta’ Ismael Obasa Hussein minghajr ma kkawzat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal- gisem jew gabet difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh.
2. fit-22 ta’ Mejju, 2008, kien qed igorr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta’ liema xorta li jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Maurizio Cordina.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 216(1)(a)(c), 217 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 6 u 51 tal-Kap. 480 tikkundanna lill-hati **Emmanuel Pace** ghall-piena komplessiva ta' erba` (4) snin prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elfejn, tmin mija w seba` w hamsin Euro w tmintax il-centezmu (€2857.18), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

F'kaz li l-ispejjez ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------